REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/342

tal-25 ta' Frar 2021

li jerġa' jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fir-Renju tat-Tajlandja, sa fejn jikkonċerna lil River Kwai International Food Industry Co., Ltd, wara l-ftuħ mill-ġdid tar-reviżjoni *interim* skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4), l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 11(3) u l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 ([2]), il-Kunsill impona mill-ġdid il-miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mit-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza.

(2) Wara talba mressqa minn River Kwai International Food Industry Co., Ltd ("RK"), produttur esportatur mit-Tajlandja, fl-14 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ħabbret il-bidu ta' reviżjoni *interim* parzjali, skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, b'ambitu limitat għall-eżami tad-dumping sa fejn kien ikkonċernat l-applikant.

(3) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li ċ-ċirkostanzi, li fuq il-bażi tagħhom kienu imposti l-miżuri fis-seħħ, kienu nbidlu u li dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema.

(4) B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonstatat li ċ-ċirkostanzi mibdula kienu relatati ma' bidliet fil-firxa ta' prodotti ta' RK. Dawn il-bidliet għandhom impatt dirett fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni. Fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li jkun xieraq li jiġi emendat id-dazju anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' RK tal-prodott taħt rieżami ([3]).

(5) Fl-24 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 307/2014 ([4]) ("ir-Regolament tal-2014") li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara rieżami *interim* taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 ([5]).

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 875/2013 tat-2 ta' Settembru 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 244, 13.9.2013, p. 1).

([3]) Il-"prodott taħt rieżami" huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament tal-2014, jiġifieri qamħirrum (Zea mays var. Saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2001 90 30 (il-kodiċi TARIC 2001 90 30 10), u qamħirrum ħelu (Zea mays var. saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2005 80 00 (il-kodiċi TARIC 2005 80 00 10) li joriġina mit-Tajlandja.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 307/2014 tal-24 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara rieżami interim taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

(6) Ir-Regolament tal-2014 naqqas id-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja, applikabbli għal RK, minn 12,8 % għal 3,6 %.

(7) Wara l-ftuħ mill-ġdid ta' din l-investigazzjoni, id-durata tal-miżuri ġiet estiża bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 ([6]) ("ir-Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza tal-2019") li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Dan huwa r-Regolament applikabbli bħalissa fir-rigward ta' RK u produtturi esportaturi oħra.

1.2. **Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

(8) Fit-18 ta' Ġunju 2014, l-Association européenne des transformateurs de maïs doux ("AETMD") ressqet applikazzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti Ġenerali") għall-annullament tar-Regolament tal-2014.

(9) Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2017 ("is-sentenza tal-Qorti Ġenerali") ([7]), il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament tal-2014.

(10) Fit-23 ta' Frar 2018, RK ippreżentat rikors għall-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

(11) Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-QĠUE") ċaħdet l-appell imressaq minn RK billi infondat u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali ("is-sentenza tal-QĠUE") ([8]).

(12) Il-QĠUE kkonfermat il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li d-drittijiet proċedurali tal-AETMD kienu nkisru fir-rigward tat-talba tagħha għall-iżvelar ta' informazzjoni relatata mal-possibbiltà tal-allokazzjoni skorretta tal-ispejjeż bejn RK u l-entità relatata tagħha AgriFresh Co., Ltd. ("AgriFresh"); L-allokazzjoni tal-ispejjeż hija waħda mill-kawżi possibbli tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni li allegat RK billi sostenn għat-talba tagħha għal rieżami interim. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, matul il-proċedura amministrattiva, l-AETMD ma kinitx irċeviet divulgazzjoni li effettivament ippermettitilha tesprimi l-perspettiva tagħha f'dan ir-rigward.

2. **IMPLIMENTAZZJONI TAS-SENTENZI TAL-QORTI**

(13) F'konformità mal-Artikolu 266 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom l-obbligu li jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ ta' annullament ta' att adottat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva, bħall-investigazzjonijiet anti-dumping f'dan il-każ, il-konformità mas-sentenza tikkonsisti fis-sostituzzjoni tal-att annullat b'att ġdid, li fih l-illegalità identifikata mill-Qorti tiġi eliminata ([9]).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1996 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 6).

([7]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017, AETMD vs Il-Kunsill, T-460/14, mhux ippubblikata, ECLI: EU:T:2017:916.

([8]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2019, River Kwai International Food Industry Co. Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-144/18 P, ECLI:EU:C:2019:266.

([9]) Is-sentenza tal-Qorti tas-26 ta' April 1988, Asteris AE *et* u r-Repubblika Griega vs Il-Kummissjoni, kawżi magħquda 97, 193, 99 u 215/86, ECLI:EU:C:1988:199, il-punti 27 u 28.

(14) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura għas-sostituzzjoni ta' att annullat tista' tissokta fil-punt eżatt li fih saret l-illegalità ([10]). Dan jimplika, b'mod partikolari, li f'sitwazzjoni fejn att li jikkonkludi proċedura amministrattiva jiġi annullat, l-annullament mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, bħall-bidu tal-proċedura anti-dumping. Għaldaqstant, biex tikkonforma mas-sentenza, il-Kummissjoni għandha l-possibbiltà li tirrimedja l-aspetti tal-proċediment, li wasslu għall-annullament, filwaqt li tħalli intatti dawk il-partijiet li ma ġewx affettwati mis-sentenza ([11]).

(15) L-annullament tar-Regolament tal-2014 kien dovut għan-nuqqas ta' osservanza tad-drittijiet tad-difiża waqt wieħed mill-passi tal-proċedura amministrattiva inkwistjoni, proprju n-nuqqas ta' żvelar ta' ċerta informazzjoni lill-AETMD rigward ir-ristrutturar ta' RK u l-impatt tar-ristrutturar fuq il-valutazzjoni kemm tan-natura dejjiema tal-bidliet fiċ-ċirkustanzi invokati kif ukoll tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping ([12]).

(16) Għaldaqstant, skont is-sentenzi tal-Qorti, il-possibbiltà tal-allokazzjoni skorretta tal-ispejjeż bejn RK u AgriFresh, imqajma mill-AETMD waqt il-proċedura amministrattiva, u li kienet tikkostitwixxi — minbarra r-razzjonalizzazzjoni tal-attività ta' RK — waħda mill-kawżi possibbli tat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-produzzjoni, jenħtieġ li tiġi eżaminata billi terġa' tinfetaħ l-investigazzjoni b'rispett sħiħ tad-drittijiet tad-difiża tal-AETMD kif osservat mill-qrati tal-UE. Min-naħa l-oħra, il-konstatazzjonijiet li ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti jew li ġew miċħuda jew ma ġewx eżaminati mill-Qorti Ġenerali ("konstatazzjonijiet mhux ikkontestati jew ikkonfermati"), jibqgħu validi. Dawn il-konstatazzjonijiet huma deskritti u vvalutati fir-Regolament tal-2014. B'rabta ma' dawn il-konstatazzjonijiet mhux ikkontestati jew ikkonfermati, il-Kummissjoni tirreferi għat-test tar-Regolament tal-2014 ([13]), kif ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([14]).

(17) Sabiex timplimenta s-sentenzi tal-Qorti, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ([15]) li jiftaħ mill-ġdid l-investigazzjoni anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja, li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament tal-2014, sa fejn kienet tikkonċerna lil RK.

(18) Il-partijiet interessati ġew infurmati bil-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni anti-dumping permezz tal-pubblikazzjoni ta' Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(19) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lil RK, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-AETMD bil-ftuħ mill-ġdid parzjali tal-investigazzjoni.

(20) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jgħarrfu bil-miktub il-fehmiet tagħhom u li jitolbu li jinstemgħu fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż.

2.1. **Passi proċedurali għall-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti**

(21) Wara l-ftuħ mill-ġdid, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lil RK u lill-kumpaniji relatati tagħha, dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-prodott taħt rieżami, inklużi l-aspetti interkorporattivi ta' tali spejjeż.

(22) Waslu t-tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand RK, Agripure Holdings Public Co. Ltd., AgriFresh u Sweet Corn Products Co. Ltd.

([10]) Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Novembru 1998, Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni, C-415/96, ECLI:EU:C:1999:533, il-punt 31; is-sentenza tal-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des Poudres Spheriques vs Il-Kunsill, C-458/98 P, ECLI:EU:C:2000:531, il-punti minn 80 sa 85; is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Lulju 2008, Alitalia vs Il-Kummissjoni, T-301/01, ECLI:EU:T:2008:262, il-punti 99 u 142; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2011, Region Nord-Pas-de-Calais u Communauté d'agglomération du Douaisis vs Il-Kummissjoni, Kawżi magħquda T-267/08 u T-279/08, ECLI:EU:T:2011:209, il-punt 83.

([11]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ġunju 2016, Il-Kummissjoni vs McBride, C-361/14P, ECLI:EU:C:2016:434, il-punt 56; ara wkoll, fil-qasam tad-dumping, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill, C-458/98 P, ECLI:EU:C:2000:531, il-punt 84.

([12]) Is-sentenza tal-QĠUE, il-punt 37, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, il-punt 72.

([13]) Ara, *mutatis mutandis*, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2019, *Jinan Meide Casting Co. Ltd vs Il-Kummissjoni*, T-650/17, ECLI:EU:T:2019:644, il-paragrafi minn 333 sa 342.

([14]) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

([15]) ĠU C 291, 29.8.2019, p. 3.

(23) Il-Kummissjoni wettqet żjara ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-erba' kumpaniji fit-Tajlandja biex tivverifika l-informazzjoni pprovduta fil-kwestjonarji.

— River Kwai International Food Industry Co., Ltd, Kanchanaburi, it-Tajlandja;

— AgriFresh Co. Ltd., Kanchanaburi, it-Tajlandja ("AgriFresh");

— Agripure Holdings Public Co. Ltd., Bangkok, it-Tajlandja ("Agripure");

— Sweet Corn Products Co. Ltd., Kanchanaburi, it-Tajlandja ("SCP").

2.2. **Perjodu ta' investigazzjoni**

(24) Din l-investigazzjoni tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Diċembru 2012 (il-"perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami" jew "PIR").

2.3. **Eżami tal-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn River Kwai International Food Industry Co., Ltd u l-kumpaniji relatati tagħha**

(25) Is-sentenzi tal-Qorti imponew fuq il-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid l-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn RK u s-sussidjarja tagħha, AgriFresh. Il-Kummissjoni l-ewwel irrevediet l-istruttura tal-grupp biex tiżgura li tqiesu l-ispejjeż rilevanti kollha, li setgħu ġew jew kellhom jiġu imposti, allokati jew imqassma bejn kumpaniji tal-grupp u li seta' kellhom impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' River Kwai International Food Industry Co., Ltd u/jew AgriFresh.

(26) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni identifikat żewġ kumpaniji tal-grupp addizzjonali, Agripure Holdings Public Co. Ltd (il-kumpanija omm ta' RK — "Agripure") u Sweet Corn Products Co. Ltd. (sussidjarja ta' RK — "SCP", li tinsab ukoll f'Kanchanaburi) li l-ispejjeż tagħhom kienu jiġġustifikaw eżami aktar dettaljat.

(27) Minbarra l-elementi deskritti fil-premessi (28) sa (50), il-Kummissjoni qieset ukoll fil-valutazzjoni tagħha d-dikjarazzjonijiet li ġejjin li saru mill-AETMD fil-kuntest ta' dan il-proċediment ta' ftuħ mill-ġdid:

(i) il-manipulazzjoni tal-prezzijiet fuq xiri ta' materja prima minn RK u AgriFresh mingħand fornituri komuni, fejn RK tħallas inqas mill-prezz tas-suq sabiex tnaqqas b'mod artifiċjali l-ispiża tal-produzzjoni u l-valur normali, filwaqt li AgriFresh tħallas aktar mill-prezz tas-suq, lill-istess fornitur; u

(ii) ix-xiri ta' RK ta' qamħirrum żgħir mingħand AgriFresh jaf ma jsirx bil-prezzijiet tas-suq, għax jaf jeżisti arranġament kumpensatorju bejn il-kumpaniji.

(28) Il-Kummissjoni kkonstatat li l-aktar materja prima komuni ta' RK hija bottijiet, għotjien u qamħirrum aħdar. Peress li l-bottijiet u l-għotjien ma jintużawx għall-prodotti friski mibjugħa minn AgriFresh, il-Kummissjoni rrevediet il-kontijiet tal-fornituri tal-qamħirrum aħdar ta' RK. Il-Kummissjoni kkonstatat li RK kellha ħafna fornituri differenti bi prezzijiet medji komparabbli u li fil-PIR ma kien hemm l-ebda bejgħ ta' qamħirrum aħdar minn Agrifresh lil RK.

(29) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat li x-xiri ta' qamħirrum żgħir minn RK mingħand AgriFresh ma ġiex impost fuq l-ispiża tal-produzzjoni ta' RK għall-prodott taħt rieżami ([16]) peress li l-qamħirrum żgħir mhuwiex materja prima għall-prodott taħt rieżami.

([16]) Il-"prodott taħt rieżami" huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u l-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament tal-2014, jiġifieri qamħirrum (Zea mays var. Saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2001 90 30 (il-kodiċi TARIC 2001 90 30 10), u qamħirrum ħelu (Zea mays var. saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2005 80 00 (il-kodiċi TARIC 2005 80 00 10) li joriġina mit-Tajlandja.

2.3.1. *Agripure Holdings Public Co. Ltd ("Agripure")*

Tariffa ta' ġestjoni

(30) Matul il-PIR Agripure imponiet tariffa ta' ġestjoni sostanzjali fuq RK. Din it-tariffa ma ġietx imposta fuq kumpaniji oħra tal-grupp. L-ammont tat-tariffa kien rivedut perjodikament, biex jiġu koperti l-ispejjeż kollha ta' Agripure u biex din tagħmel profitt. Is-servizzi pprovduti minn Agripure kuntrattwalment kienu jinkludu l-oqsma ta' konsulenza maniġerjali, strateġija, organizzazzjoni, kontroll intern u finanzi. Il-Kummissjoni kienet informata li t-tariffa kopriet ukoll il-marketing, li twettqet mill-impjegati ta' Agripure kważi esklussivament għall-benefiċċju ta' RK.

(31) Madankollu, ċerti dipartimenti f'Agripure pprovdew tipi ta' servizzi li setgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għal kumpaniji oħra tal-grupp, proprju AgriFresh u SCP. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonstatat li RK ma kinitx iddikjarat b'mod insuffiċjenti fil-kontijiet tagħha t-tariffa ta' ġestjoni li ħallset lil Agripure matul il-PIR.

Self intragrupp minn Agripure lil RK

(32) Kien hemm self b'terminu qasir minn Agripure lil RK b'rata tal-imgħax ta' bejn 4 % u 6 % fis-sena, li tħallas lura minn RK f'madwar 40 jum. Ir-rata tqieset li kienet normali għas-suq billi kienet komparabbli mar-rata tal-imgħax fuq self ieħor b'terminu qasir minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux relatati (b'rata tal-imgħax li tvarja wkoll bejn 4 % u 6 % fis-sena). Minħabba t-terminu qasir ħafna tas-self, l-ispiża tal-imgħax attwali mġarrba minn RK waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami kienet insinifikanti.

2.3.2. *Sweet Corn Products Co. Ltd., Kanchanaburi, it-Tajlandja*

(33) L-attivitajiet operattivi ta' SCP jinsabu fl-istess sit bħal RK, għalkemm il-kwartieri ġenerali tagħha huma ftit kilometri 'l bogħod.

(34) Ġie stabbilit li SCP biegħet żrieragħ tal-qamħirrum lil RK bil-prezzijiet tas-suq u l-ispiża tax-xiri ma ġietx allokata minn RK għall-prodott taħt rieżami, billi ż-żrieragħ tal-qamħirrum ħelu mhumiex materja prima użata minn RK għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(35) SCP kriet biċċa art żgħira fuq is-sit ta' RK matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Billi l-valur tal-art mhuwiex deprezzat, fl-ispejjeż ta' RK ma ġewx inklużi l-ispejjeż għal dik il-biċċa art, filwaqt li d-dħul mill-kera ta' RK ma kienx allokat għall-prodott taħt rieżami. Id-dħul mill-kera b'ħekk ma kellux impatt fuq l-ispejjeż ta' RK.

2.3.3. *Spejjeż maqsuma bejn RK u AgriFresh*

(36) Il-Kummissjoni rrevediet l-ispejjeż li tħallsu jew minn RK jew minn AgriFresh u li ġew imposti, apporzjonati jew allokati mill-ġdid lill-kumpanija l-oħra.

Spejjeż tal-elettriku

(37) Ċerti spejjeż tal-elettriku inizjalment tħallsu minn RK u mbagħad ġew imposti mill-ġdid fuq AgriFresh. Il-Kummissjoni nnotat li l-ammonti addebitati mill-ġdid kienu komparabbli, imma ftit ogħla milli kieku l-ispejjeż kienu ġew allokati fuq il-bażi tal-fatturati rispettivi. Madankollu, dan kien konsistenti mal-ispjegazzjoni li n-negozju ta' prodotti agrikoli friski ta' AgriFresh jeħtieġ spejjeż ogħla ta' tkessiħ u refriġerazzjoni. L-ispejjeż tal-elettriku ta' RK ġew allokati għall-prodott taħt rieżami, filwaqt li l-introjtu riċevut minn AgriFresh ma kienx allokat għall-prodott taħt rieżami. Il-Kummissjoni b'ħekk ikkonkludiet li l-ispejjeż tal-elettriku ta' RK li ġew allokati għall-prodott taħt rieżami ma kinux sottovalutati.

Kontroll tal-kwalità u spare parts

(38) RK addebitat lil AgriFresh l-ispejjeż għall-kontroll tal-kwalità, peress li AgriFresh ma għandhiex id-dipartiment tagħha għall-kontroll tal-kwalità u għall-ispare parts għall-manutenzjoni fuq bażi okkażjonali. L-ispejjeż imġarrba minn RK tqassmu għall-prodott taħt rieżami. L-introjtu rċevut minn AgriFresh ma kienx allokat għall-prodott taħt rieżami. Għalhekk, l-ispejjeż għal RK għall-prodott taħt rieżami ma kinux irrapportati baxxi wisq.

2.3.4. *Tranżazzjonijiet bejn RK u AgriFresh*

Art, binjiet u makkinarju li AgriFresh kriet mingħand RK

(39) Fl-ewwel 6 xhur tal-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, AgriFresh kriet mingħand RK biċċa art żgħira, kif ukoll xi makkinarju u tagħmir fuq biċċa art biswit, li tinsab fuq is-sit ta' RK. Dak iż-żmien AgriFresh kienet tikri l-biċċa art biswit mingħand parti terza mhux relatata.

(40) L-ispejjeż ta' deprezzament għal RK tqassmu għall-prodott taħt rieżami, filwaqt li l-introjtu mill-kera minn AgriFresh kien irreġistrat ma' introjtu ieħor u ma ġiex allokat għall-prodott taħt rieżami. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda sottovalutazzjoni tal-ispejjeż ta' RK għall-prodott taħt rieżami f'dan ir-rigward.

(41) Mill-bidu tal-2012, AgriFresh xtrat il-makkinarju għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli friski mingħand RK b'valur kontabilistiku nett u kriet art u parti żgħira minn binja fuq l-istess sit bħal RK, mingħand parti li tista' titqies bħala relatata. Dan ma kellux impatt fuq l-ispejjeż ta' RK allokati għall-prodott taħt rieżami.

(42) Barra minn hekk, AgriFresh kriet biċċa art agrikola mingħand RK waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Il-kera mħallsa minn AgriFresh kienet aktar baxxa għal kull metru kwadru milli AgriFresh ħallset lil parti terza mhux relatata. Madankollu, ma kienx hemm impatt fuq l-ispejjeż għal RK, peress li l-introjtu li rċeviet RK ma ġiex allokat għall-prodott taħt rieżami.

Self minn AgriFresh lil RK

(43) Waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, RK ħadet self mingħand AgriFresh għal durata qasira ħafna (6 ijiem), b'rata tal-imgħax fil-medda ta' bejn 4 % u 6 %. Minħabba t-tul qasir ħafna tas-self, l-imgħax imħallas kien insinifikanti f'termini assoluti, filwaqt li r-rata tal-imgħax tqieset li kienet normali għas-suq billi kienet konformi mar-rati tal-imgħax imħallsa minn RK lil istituzzjonijiet finanzjarji mhux relatati.

Persunal amministrattiv

(44) Fir-rigward tal-persunal amministrattiv, ġew eżaminati l-ispejjeż addebitati lil AgriFresh u nstabu li kienu konformi mal-fatturat rispettiv tal-kumpaniji. Barra minn hekk, l-introjtu li RK irċeviet minn AgriFresh ma kienx allokat għall-prodott taħt rieżami. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda sottovalutazzjoni tal-ispejjeż minn RK f'dan ir-rigward.

Spejjeż oħrajn

(45) Il-kontijiet tal-ispejjeż fil-bilanċi ta' tqabbil preliminari taż-żewġ kumpaniji ġew eżaminati għall-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami biex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm xi partiti ta' spejjeż oħra li b'mod mhux tas-soltu kienu jidhru baxxi għal RK jew għoljin għal AgriFresh, li seta' jindika l-possibbiltà ta' allokazzjoni eċċessiva jew insuffiċjenti tal-ispejjeż bejn il-kumpaniji. L-eżami tal-ispejjeż l-oħra ma qajjimx tħassib bħal dan.

(46) Il-Kummissjoni rrevediet ukoll il-kontijiet interkorporattivi bejn il-kumpaniji tal-grupp imma ma identifikat l-ebda allokazzjoni mhux raġonevoli tal-ispejjeż.

2.4. **Konklużjoni fuq l-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn RK u AgriFresh u kumpaniji oħra tal-grupp**

(47) F'konformità mas-sentenzi tal-Qorti, il-Kummissjoni wettqet reviżjoni dettaljata tal-allokazzjoni tal-ispejjeż bejn RK u s-sussidjarja tagħha, AgriFresh. Estendiet ukoll l-investigazzjoni tagħha biex tkopri t-tqassim tal-ispejjeż bejn RK u l-kumpanija omm tagħha, Agripure u s-sussidjarja tagħha, SCP.

(48) Fir-rigward tat-tariffa ta' ġestjoni li Agripure addebitat lil RK, il-Kummissjoni kkonstatat li ma kienx hemm sottovalutazzjoni tal-ispejjeż minn RK f'dan ir-rigward waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(49) Fir-rigward tal-ispejjeż tal-elettriku, il-kontroll tal-kwalità u l-ispare parts, l-ammonti addebitati lil RK u għall-prodott taħt rieżami ma kinux sottovalutati u l-introjtu li AgriFresh irċeviet ma naqqasx l-ispejjeż tal-prodott taħt rieżami.

(50) Fir-rigward tal-art, il-binjiet u l-makkinarju li RK kriet lil AgriFresh u SCP, l-ispejjeż rilevanti ta' deprezzament għal RK tqassmu għall-prodott taħt rieżami u ma kinux paċuti bl-introjtu rċevut mingħand AgriFresh u SCP rispettivament. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda sottovalutazzjoni tal-ispejjeż għall-prodott taħt rieżami.

(51) Is-selfiet mingħand Agripure u AgriFresh lil RK li kienu applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami, it-tnejn li huma kienu b'rata tal-imgħax li tista' titqies normali għas-suq, u xorta waħda kienu ta' durata qasira ħafna, jiġifieri l-pagamenti tal-imgħax ma kinux sinifikanti fl-ispejjeż totali ta' RK.

(52) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonstatat li l-addebitament mill-ġdid tal-ispejjeż amministrattivi minn RK lil AgriFresh kien raġonevoli, filwaqt li reviżjoni tal-kontijiet tal-ispejjeż u tal-kontijiet interkorporattivi ma qajmitx tħassib ieħor fir-rigward ta' allokazzjonijiet mhux xierqa tal-ispejjeż.

(53) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabitx evidenza ta' manipulazzjoni tal-prezzijiet fuq ix-xiri ta' materja prima minn RK u AgriFresh mingħand fornituri komuni u kkonstatat li x-xiri ta' qamħirrum żgħir minn RK mingħand AgriFresh u x-xiri ta' żrieragħ tal-qamħirrum minn RK mingħand SCP ma ġiex addebitat għall-prodott taħt rieżami u ma kellu l-ebda impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami.

(54) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda allokazzjoni żejda jew tqassim proporzjonat żejjed tal-ispejjeż minn RK għal AgriFresh jew għall-kumpaniji l-oħra tal-grupp meqjusa waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami.

(55) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sejbiet li jikkonċernaw l-ispejjeż tal-produzzjoni użati biex jiġi stabbilit il-valur normali u l-marġni tad-dumping ikkalkulati fl-investigazzjoni tar-reviżjoni *interim*, kif deskritt fir-Regolament tal-2014, jibqgħu validi, kif spjegat fil-premessa (16). Barra minn hekk, l-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament tal-2014 ikkonfermat li, minħabba ristrutturar korporattiv, RK ma kinitx għadha tipproduċi u tbigħ ċerti prodotti oħrajn meta mqabbel mal-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. F'din l-investigazzjoni tal-ftuħ mill-ġdid il-Kummissjoni kkonfermat li din il-bidla kellha impatt fuq l-ispiża ta' RK għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami, bil-konsegwenza ta' marġni tad-dumping aktar baxx. Għalhekk, is-sejbiet li jinsabu fir-Regolament tal-2014 dwar in-natura dejjiema tal-bidla fiċ-ċirkostanzi jibqgħu validi, kif spjegat fil-premessa (16).

(56) Huwa nnotat li skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, il-metodoloġija applikata fir-rieżami ta' skadenza tal-2019 kienet l-istess bħal dik fir-Regolament tal-2014 fir-rigward ta' RK. Peress li l-ftuħ mill-ġdid ikkonferma s-sejbiet tar-Regolament tal-2014, dan ma għandux impatt fuq is-sejbiet tar-rieżami ta' skadenza tal-2019, b'mod partikolari l-marġni tad-dumping imsemmi fil-premessa (63) tar-Regolament dwar ir-rieżami ta' skadenza tal-2019.

2.5. **Konklużjoni**

(57) Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-marġni medju peżat ta' dumping espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, dazju mhux imħallas, ta' 3,6 %, stabbilit għal RK fir-Regolament tal-2014, jenħtieġ li jerġa' jiġi impost.

3. **ŻVELAR**

(58) Fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar is-sejbiet ta' hawn fuq, li fuq il-bażi tagħhom kellha l-ħsieb tipproponi l-impożizzjoni tad-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mit-Tajlandja applikabbli għal RK b'rata ta' 3,6 %. Hi pprovdiet ukoll il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali lill-partijiet interessati, u fuq il-bażi tagħhom kellha l-ħsieb li temenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 u (UE) 2019/1996. Ingħataw ukoll perjodu ta' 10 ijiem li matulu setgħu jressqu kummenti wara dan l-iżvelar. Ma wasal l-ebda kumment.

4. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(59) Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni qieset li jkun xieraq li temenda d-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mit-Tajlandja applikabbli għal RK. Il-livell rivedut ta' dazji anti-dumping japplika mingħajr ebda interruzzjoni temporali mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-2014 (jiġifieri, mit-28 ta' Marzu 2014 'il quddiem). L-awtoritajiet doganali huma ordnati jiġbru

l-ammont xieraq fuq l-importazzjonijiet li jikkonċernaw lil RK u jroddu lura kwalunkwe ammont żejjed miġbur sa issa f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

5. **DURATA TAL-MIŻURI**

(60) Din il-proċedura ma taffettwax id-data li fiha se jiskadu l-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1996 skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(61) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa b'dan impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' qamħirrum (Zea mays var. saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat permezz tal-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2001 90 30 (Kodiċi TARIC 2001 90 30 10), u qamħirrum (Zea mays var. saccharata) bil-qalba ppreparat jew ippreservat iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffriżat, għajr prodotti tal-intestatura 2006, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 2005 80 00 (il-Kodiċi TARIC 2005 80 00 10) li joriġina mit-Tajlandja u hu prodott minn River Kwai International Food Industry Co., Ltd, Kanchanaburi, it-Tajlandja, mit-28 ta' Marzu 2014 'il quddiem.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat minn River Kwai International Food Industry Co., Ltd, għandha tkun ta' 3,6 % (kodiċi addizzjonali TARIC A791). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Kull dazju anti-dumping definittiv imħallas minn River Kwai International Food Industry Co., Ltd skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 875/2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina fit-Tajlandja wara reviżjoni ta' skadenza taħt l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 jew skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1996 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu qamħirrum bil-qalba ppreparat jew ippreservat li joriġina mir-Renju tat-Tajlandja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 li jeċċedi d-dazju anti-dumping definittiv stabbilit fl-Artikolu 1, għandu jiġi rimborżat jew jinħafer.

Ir-rimborż jew ir-remissjoni għandhom jintalbu mill-awtoritajiet doganali nazzjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN